**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. DONATELLA M. FRENDO DIMECH LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

**Illum, 29 t' April, 2016**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jonathan Ranlsey)**

**-vs-**

**Stephania Calafato detentrici ta' Karta tal-Identita Nru. 200782(M).**

Kumpilazzjoni Nru. 1179/2014

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-imputata Stephania Calafato talli: -

F'xi hin bejn ix-xahar ta' Dicembru, 2013 u x-xahar t'Awissu 2014, gewwa dawn il-Gzejjer, minghajr awtorizazzjoni:

1. Għamlet output ta' xi *data, software* jew dokumentazzjoni ta' appoġġ mill-computer li kienu qegħdin jinżammu fih, sew billi dawn itellgħu bi xbieha jew b'kull mod ieħor li jkun;

2. Ħadet pussess ta' xi *data, software* jew dokumentazzjoni ta' appoġġ jew għamlet użu minnhom;

3. fl-istess data, ħin u lok, permezz ta' xi *network* jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika għamlet użu ieħor mhux xieraq bih.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputata m'ghandha l-ebda oggezzjoni biex il-kaz jigi hekk trattat.

Semghet ix-xhieda.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Semghet it-trattazzjoni finali.

Ikkunsidrat:

Illi dan kien kaz li huwa ntjerament msejjes u dipendenti fuq xhieda u evidenza teknika b'mod partikolari provi rigward l-operat ta' *software* u *applications* specifici tal-IPhone u Apple *devices*. Il-Qorti semghet fit-tul rapprezentant tal-ICentre, Wayne Said, rapprezentanti tad-ditta Apple, li ta spjegazzjoni teknika ghall-ahhar dwar kif jahdmu devices tal-Apple b'mod partikolari l-IPhone. Illi Said spjega dwar min jista' jara IMessages (simili ghal dawk li huma oggett tal-procediment odjern) u kif jitnizzlu *applications* minn fuq IPhone permezz ta *account* partikolari li jissejjah Apple ID mil-IStore.

Illi l-istess rapprezentant eskluda li xi persuna tista tara l-IMessages minn fuq Gmail biss minghajr ma jkollha <u>prodott tal-Apple</u> u cioe' xi Iphone jew Apple pc: *"Biex tigi signed in fuq I message bilfors irid ikollok I Phone, I Pad jew Mac".* Mix-xhieda ta Said jirrizulta li sabiex persuna tkun taf bl-IMessages li kienu qed jintbaghtu minn fuq account taghha *"Dak l-email li mhux tieghek jekk huwa signed in minn Apple ID jista jara kull messagg li tibghat inti. Jircevi u jibghat f'ismek, dak l-ID l-email address settjat bhala Apple ID jista' jara kollox…. [Minn] Apple device signed in b'dik l-Apple ID……li tircevi minn mindu gejt signed in. Ma tarx history….tircevi anything from that point onwards…once li gejt signed in b'email ha tircevi li rcevejt minn dak il-hin….. Tista' taghmillha account ghaliha, ovvjament hemm procedura…..pero hemm min biex jehlisha wkoll jaqbad juza tieghu biex jiddownloadja dik l-application minghajr ma*

*jkun jaf li he has signed in to his services jigifieri tista' jekk ma taghmilx sign out tisat' tibda tircevi l-affarijiet tieghu, hafna nies ma jkunux jafuha din."*[1]

Illi mhux kontestat li l-parte leza tat l-IPhone taghha lill-imputata biex tnizzilha application mil-IStore permezz tal-ID/email tal-imputata.[2] Mill-provi la jirrizulta li wara li tnizzel l-application kien sar xi signing out mil-imputata, u wisq anqas li din kellha xi Apple device u daqstant iehor ma giex pruvat sal-grad rikjest mil-ligi li l-imputata kienet konxxja li bdew jintbaghtu IMessages minn fuq jew taht l-email taghha. Mhemmx kontestazzjoni li l-messaggi in kwostjoni intbaghtu mil-parte leza minn fuq l-IPhone taghha lill-kuntatti taghha.

Ghaldaqstant qatt ma jista' jigi pruvat minghjar dubbju dettat mir-raguni li l-imputata hija hatja tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront taghha u ghalhekk qed tigi liberata minn kull imputazzjoni.

**Dr Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Magistrat**

---

[1] Fol.58-59
[2] Fol.25, 27-28